MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 32/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra AB talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Mejju 2003 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

(1) assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittrafikaw medicina (raza tal-cannabis) f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza [Kap.

101], jew li jippromwovu, jikkostitwixxu, jew jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni;

(2) biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza;

(3) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persun/i, jew ghal persuna/i, minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma' kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma' kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(5) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova d-

droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 [*recte:* 9] tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemmi AB ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-Ewwel Skeda, ir-Raba' u s-Sitt Taqsima, l-artikoli 8(a), 22, 29 ta' l-Ordinanza wdar Medicini Perikoluzi, ir-regolamenti 4 u 8 [*recte:* 9] ta' l-Avviz Legali 292/1939, sabet lill-imsemmi AB hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet bl-assorbiment tal-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u kkundannatu sena prigunerija u multa ta' 4658.75 Euro. Inoltre dik il-Qorti rrakkomandat li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni fi hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' AB pprezentat fl-4 ta' Frar 2009 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet ai termini ta' l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali u tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet u tirriforma l-piena skond il-ligi, jew alternattivament (2) tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu u kif sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tirriformaha in kwantu ghall-piena billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li huwa sab ruhu f'sitwazzjonijiet ta' biza' u theddid li, fi kliem l-ewwel Qorti, kienu *"life-threatening"*, u allura kellu jigi applikat l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet; (2) minghajr pregudizzju, li kien jimmerita t-tnaqqis shih previst mill-artikolu 29 tal-Kap. 101; (3) minghajr pregudizzju, kellu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht *house arrest*; (4) minghajr pregudizzju ghat-tieni u t-tielet aggravji, l-ewwel Qorti setghet applikat il-*proviso* ta' l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101; (5) minghajr pregudizzju, il-piena nflitta setghet, fic-cirkostanzi, tkun wahda aktar miti.

It-tieni aggravju gie rtirat permezz ta' nota pprezentat fit-28 ta' Ottubru 2009 u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi kellu jigi applikat l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali fir-rigward ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu peress illi l-ewwel Qorti kellha evidenza tas-sincerita` ta' l-appellant. Jghid li s-sitwazzjonijiet ta' biza' u theddid li kien soggett ghalihom l-appellant da parti ta' terz Taljan, kienu deskritti mill-ewwel Qorti stess bhala *"life-threatening"*.

Il-linja difensjonali hawn sollevata mid-difiza hi dik tat-teorija tal-koerzjoni, jigifieri, li wiehed ikun sforzat, jigi mgieghel, biex jaghmel xi haga kontra l-volonta` tieghu, li, altrimenti jew normalment ma kienx jaghmel. Il-ligi taghna fl-artikolu 33(b) tal-Kap. 9, issejjah din il-koerzjoni bhala "forza barranija", jigifieri trid tkun xi haga, forza jew koerzjoni gejja minn haddiehor kompletament indipendenti minn min jaghmel l-att materjali, minn min qed issirlu dik il-forza fuqu. Trid tkun forza, mela, li certament u necessarjament ghandha tkun prezenti fil-waqt li din il-vittma ta' dik il-forza tkun qed taghmel xi att materjali, xi delitt, u mhux gejja minn xi zmien qabel biss.

Fil-kaz in ezami m'hemm ebda kontestazzjoni li tassew l-appellant kkommetta l-atti materjali ta' assocjazzjoni, pussess u traffikar. Li qed jikkontesta hu li f'dak li ghamel,

u fil-mument li ghamilhom, kien nieqes fih l-element intenzjonali u allura ma setax jinsab hati. L-appellant qed jghid li ma kellux l-intenzjoni kriminuza ghaliex skond il-ligi, in bazi ta’ l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ic-cirkostanza msemmija tal-forza barranija telimina ghal kollox din l-intenzjoni. U b’hekk ma kellu ebda responsabilita` kriminali.

Issa, jekk bniedem minaccjat ikollu xi triq alternattiva li biha jista’ jehles minn dik il-forza barranija, kif ukoll mid-dannu konsegwenzjali ta’ dik il-minaccja, u hu, izda, jonqos milli jaghmel uzu tajjeb minn din it-triq alternattiva, allura l-artikolu 33(b) ma jkunx jista’ jigi nvokat jew applikat. Cioe`, jekk, f’xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b’xi forza barranija, jekk tezisti l-possibilita` li b’xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwelnett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta’ dik il-forza barranija, gravi kemm hi gravi, allura f’dak il-kaz ir-responsabilita` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax.

Din il-kwistjoni ta’ koerzjoni mela hi kollha kemm hi kwistjoni ta’ cirkostanzi, ta’ fatti li jemergu mill-provi. Dawn il-fatti jridu jkunu tali li jikkonvincu lil min ghandu jiggudika, imqar sal-grad tal-probabbli, li tassew il-bniedem li ghamel l-att kriminanti ma setax, fic-cirkosanzi li sab ruhu fihom, jehles minn dik il-forza barranija bla ebda mod iehor hlief milli jaghmel dak li kien imgieghel li jaghmel, cioe` ma kellux alternattiva ohra kif jista’ jehles minn dik il-forza barranija.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba u, senjatament l-istqarrija guramentata ta’ l-appellant u x-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel nett irid jigi osservat illi meta l-ewwel Qorti rreferiet ghal sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-appellant bhala li kienet *“life-threatening”*, hija kienet qed tirreferi ghal dak li xehed quddiemha l-appellant. Dik l-espressjoni fil-fatt uzaha l-appellant stess u mhijiex espressjoni tal-Qorti.

Issa, fl-istqarrija tieghu l-appellant fl-ebda istanza ma jirreferi ghal sitwazzjoni *“life-threatening”*, jew li kien b’xi mod imgieghel jew mhedded mit-Taljan. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li dan it-Taljan, certu Claudio Porsenna, kien persistenti u anke qallu b’mod aggressiv li kien gab ir-raza tal-cannabis bid-dejn u jekk ma jhallasx, il-vendituri jduru ghall-familja tieghu mbaghad ghall-appellant. L-appellant jghid li kien jaf li Porsenna ma kellux flus ghax kien ilu bla xoghol, u ghalhekk emmnu. L-appellant jispjega li rnexxielu jsib bejgh ta’ parti mid-droga u ghal dik li kien ghadu ma bieghx, peress illi t-Taljan kellu jaqbad il-vapur u ma setax imur minghajr il-flus kollha, l-appellant, li kien qieghed jippanikkja, issellef xi flus biex jghaddihom lil Porsenna.

Din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex, jekk dak li xehed l-appellant quddiem l-ewwel Qorti huwa minnu, ma semma xejn dwaru la meta ghamel l-istqarrija u lanqas meta kkonferma l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti[1] fejn ikkonferma wkoll “li ma ghandu xejn xi jzid jew xi jnaqqas minnha”. Izda jekk din il-Qorti taccetta bhala veritjer dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti dwar l-atteggjament ta’ Porsenna fil-konfront tieghu, u li allura dan Porsenna kien qieghed juza “forza barranija”, zgur li ma kinitx forza barranija li kienet *“unresistable”*. Fi kwalunkwe kaz, minn kif l-appellant jghid li zvolgew l-affarijiet, seta’ rrifjuta li jzomm id-droga ghandu meta Porsenna tfaccalu l-ewwel darba. Meta Porsenna rritorna ghand l-appellant u ha d-droga lura, l-appellant, meta sab (*“coincidentally”* jew mhux) xi hadd interessat ma kellu qatt jikkuntattja lil Porsenna hu stess biex jghidlu li kien hemm xi hadd li ried jixtri d-droga, ossia parti minnha. L-appellant ma jistax zgur jargumenta illi kellu xi pressjoni jew theddid f’dak il-waqt. Kienet ghazla tieghu li jaghmel kuntatt ma’ Porsenna, minghajr ma gie mgieghel minn hadd. Jigifieri halla lilu nnifsu jispicca fis-sitwazzjoni li jghin lil Porsenna fil-bejgh tad-droga b’mod ghal kollox volontarju. Barra minn hekk, meta nqabad mill-Pulizija fil-Bajja ta’ Spinola fil-pussess tar-raza li kien se jbiegh, l-

---

[1] Ara fol. 38 u 39.

appellant kien diga` ghadda l-flus li jghid li ssellef lil Porsenna. Jigifieri anke f'dak il-mument huwa ma kellu l-ebda koerzjoni. Ghalhekk zgur mhuwiex applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa michud.

Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jissottometti li mill-perijodu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht *house arrest*. Jghid li minn meta tressaq quddiem il-Qorti, din il-kondizzjoni ftit li xejn inbidlet hlief sabiex huwa johrog jahdem. Jghid li filwaqt li huwa fatt li huwa meqjus li individwu gewwa d-dar tieghu jghix ferm aktar komdu u fil-liberta` milli kieku qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, huwa fatt ukoll li l-ebda forma ta' restrizzjoni ta' liberta` ma hija konformi ma' ghejxien ta' hajja fis-shih. Din il-kondizzjoni rabtet mhux biss idejn l-appellant izda anke idejn il-familjari tieghu li kienu importantissimi biex issehh il-bidla fil-karattru tieghu. Persuna li batiet ukoll kienet mart l-appellant li zzewgitu matul dawn il-proceduri. Jirreferi ghas-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta v. o*missis*, Rida Salem Suleiman Shoaib, *omissis*** moghtija fil-15 ta' Jannar 2009 fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kkonfermat li t-tnaqqis kollu msemmi mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tat-8 ta' Marzu 2005, inkluz il-perijodu li l-akkuzat kien ghamel taht *house arrest*, kellu jitnaqqas mill-perijodu ta' prigunerija effettiva.

Din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha opportunita` tippronunzja ruhha dwar din il-kwistjoni fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana et.**[2] Din il-Qorti qalet f'dik is-sentenza:

**"L-appellant Mark Dimech pero` qieghed jippretendi li mis-sentenza jitnaqqaslu z-zmien illi ghamel taht *house arrest*. F'dar-rigward l-appellant m'ghandux ragun. L-artikolu 22 tal-Kap. 9 jipprovdi ghal tnaqqis minn sentenza ta' prigunerija ta' "kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-**

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v Mark Lawrence Rizzo**, 27 ta' Frar 2008. 27.2.08

**ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat” (sottolinear ta’ din il-Qorti).** ***House arrest*** **mhuwiex ekwiparabbli ma’ li persuna tkun qed tinzamm “fil-habs”. L-hekk imsejjah** ***house arrest*** **huwa meqjus biss bhala kondizzjoni fost ohrajn li jinghataw fl-ghoti tal-helsien mill-arrest u strettament ghalhekk li wiehed jitkellem fuq** ***house arrest*** **huwa** ***“a misnomer”*****, peress illi ghalkemm huwa minnu illi tali persuna ma tkunx libera illi ticcirkola fil-pajjiz kif trid hi, hija tkun qieghda fis-sigurta` ta’ darha minghajr ma tkun qed tiffaccja dak kollu li jfisser “habs”. Naturalment xejn ma jostakola li Qorti, fl-ghoti tal-piena, tikkunsidra dan bhala wiehed mill-fatturi li jkun wassalha ghal** ***quantum*** **partikolari.”**

Fis-sentenza moghtija fl-4 ta’ Ottubru 2007 minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha superjuri fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Walter John Cassar**, intqal hekk:

**“L-arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta’ prigunerija – qabel kienet fakoltattiva ghall-Qorti, illum, wara l-emenda introdotta fl-2002, tali tnaqqis huwa awtomatiku u ma hemmx ghalfejn li l-Qorti toqghod tippronunzja ruhha dwaru – in virtu` ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jitkellem kjarament dwar** ***“…kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta’ htija li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kundannat…”*** **(sottolinear ta’ din il-Qorti). Fil-kaz ta’ l-appellant, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, fost ohrajn, li jibqa’ jirrisjedi d-dar u ma johrogx hlief ghal certi skopijiet ristretti, hu certament ma baqax mizmum il-habs. L-hekk imsejjah “house arrest” ma hu xejn ghajr kondizzjoni, li l-imputat jew akkuzat jaccetta li joqghod ghaliha, li tirrestringi, iva, il-movimenti tieghu -- bhalma jigri fil-kaz tal-hinijiet tar-rinkazar -- izda ma hix arrest f’post ta’ detenzjoni skond il-ligi. Tali “house arrest” jista’ koncepibbilment jittiehed in konsiderazzjoni ghall-**

**finijiet ta' disposizzjonijiet ohra ta' ligi – ad ezempju, id-dewmien fil-proceduri – izda certament ma jistax jitnaqqas taht l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali."**

Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anthony Grech Sant v. L-Avukat Generali** moghtija fit-8 ta' Frar 2010 dik l-Onorabbli Qorti kellha dan xi tghid dwar il-*house arrest*:

**"14. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tifhem li hemm raguni valida u oggettiva ghala jitnaqqas awtomatikament il-periodu li dak li jkun ikun ghamel il-habs qabel is-sentenza izda mhux dak li huwa jkun ghamel id-dar bil-kundizzjoni li ma jistax johrog minnha (l-hekk imsejjah *house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail*) jew xi periodu iehor li fih kien hemm restrizzjonijiet fuq il-hrug mid-dar: wiehed ma jista' qatt iqabbel il-*house arrest* ma' arrest fil-habs. Apparti li l-awtoritajiet qatt ma jistghu ikunu verament mija fil-mija certi li dak li jkun ikun ottempera ruhhu mal-kundizzjoni li ma johrogx minn daru jew li johrog limitatament skond il-kundizzjonijiet imposti, iz-zamma taht arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skond il-ligi bhala habs timporta ferm aktar restrizzjonijiet milli qatt jista' jimporta l-*house arrest*. Ghalkemm sia fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-appellant ipprova jpingi xenarju ta' "izolament" ghall-persuna li tkun taht *house arrest*, ghalkemm din tista' tavvera ruhha f'xi kazijiet partikolari (fil-kaz *de quo* ma giex pruvat li, bhala fatt, kien hemm dan l-izolament), persuna li tkun mizmuma f'darha hija libera li taghmel hafna affarijiet li persuna mizmuma l-habs ma tistax taghmel. Din il-Qorti ma tahsibx li hemm ghalfejn li wiehed jelabora aktar. Huwa proprju ghax l-arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skond il-ligi bhala habs jimporta tant restrizzjonijiet, kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll f'termini kwalitattivi, li ma jimportax il-*house arrest* li l-legislatur deherlu li jkun gust li tal-ewwel jigi awtomatikament dedott mill-piena ta'**

**priġunerija li talvolta tikkommina l-Qorti, izda mhux tat-tieni. Huwa minnu li, kif qalet din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet *Demanuele v. Avukat Generali* ghall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni il- *house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail* jibqa' forma ta' arrest (ghax hemm element ta' restrizzjoni fuq il-liberta` garantita bl-Artikolu 5(1)), u li ghalhekk jista' jigi ezaminat, kif gie ezaminat f'dik il-kawza, fil-kuntest tal-Artikolu 5(3); izda dan ma jfissirx li ma hemmx, kwalitattivament u kwantitattivament, differenzi enormi bejn l-arrest preventiv fil-habs u l-*house arrest* bhala kundizzjoni tal-*bail*. Konsegwentement ma jistax jinghad li hemm id-diskriminazzjoni ravvizata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni fl-operat tal-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali."**

Issa, f'dan il-kaz, meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-4 ta Mejju 2003, huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kondizzjonijiet, fost ohrajn, li jibqa' taht *house arrest* (il-kondizzjoni numru tnejn) u li jibda u jikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan is-Sedqa (il-kondizzjoni numru tlieta). B'digriet ta' l-14 ta' Lulju 2003 l-appellant gie awtorizzat johrog kuljum bejn l-10.00 a.m. u 12.00 p.m. Fl-1 ta' Settembru 2003 il-hin gie estiz b'saghtejn ohra sabiex ikun jista' jahdem. Tul il-bqija tal-proceduri gew milqugha talbiet innumerevoli tieghu (imqar jekk kultant limitatament) sabiex ikun hemm estensjoni tal-hinijiet jew tibdil tal-hinijiet ghal bosta ragunijiet: viz. biex ikun jista' jakkompanja lill-genituri ta' l-allura gharusa tieghu meta gew ghal btala f'Malta, biex jahdem, jew biex jistudja, jew biex isiefer. Irid jinghad illi jidher illi kull kondizzjoni imposta kemm mill-ewwel Qorti kif ukoll minn din il-Qorti giet osservata skrupolozament. Mill-atti quddiem din il-Qorti pero` jidher li kien biss fit-28 ta' Awissu 2009, proprju fi stadju ta' appell, li l-appellant talab sabiex titnehha l-kondizzjoni ta' *house arrest* u effettivament din il-Qorti hassret dik il-kondizzjoni bid-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2009. Fil-fatt tul il-kors tal-proceduri l-appellant ghamel programm ta' rijabilitazzjoni, ghamel kors fl-ITS, sab impjieg regolari, izzewweg. Jigifieri difficilment wiehed

jista' jghid li l-kondizzjoni ta' *house arrest* mposta mill-ewwel Qorti rrestringiet il-liberta` ta' moviment ta' l-appellant talment li huwa baqa' effettivament arrestat tul il-proceduri kollha sat-2 ta' Settembru 2009.[3] Fl-istess hin, stante t-tul ta' zmien li baqghet *in vigore* dik il-kundizzjoni, xi ftit jew wisq dan il-fattur irid jittiehed in konsiderazzjoni, izda zgur mhux billi jitnaqqas iz-zmien kollu ta' *house arrest*.

Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti setghet applikat il-*proviso* ta' l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101. F'dan il-kuntest l-appellant jghid li l-ewwel Qorti kienet fil-pozizzjoni li fil-mori ta' dawn il-proceduri hija tosserva mhux biss il-bidla radikali li ghamel f'hajtu permezz tax-xhieda mill-agenzija Sedqa u mill-OASI u l-psikologu Rev. John Vella, izda dik il-Qorti stess osservat is-*support* tal-familjari ta' l-appellant. L-appellant jirreferi wkoll ghar-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud li semma kif il-kokaina kienet ta' hames grammi ta' purita` ta' tletin fil-mija. L-appellant jghid li dan juri konsum privat.

Is-subartikolu (9) ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 101 u l-ewwel *proviso* ta' dak is-subartikolu jipprovdu:

**"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*)(i) jew fis-subartikolu 2(*b*)(i):**

**Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-*Probation*, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma'**

[3] Ara wkoll **James Demanuele v. Avukat Generali**, Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Frar 2009.

**ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu".**

L-ewwel Qorti jidher li kkunsidrat l-aspett ta' *sharing*. Difatti, minbarra li rreferiet ghal xi gurisprudenza in materja, qalet li mill-istqarrija ta' l-appellant kien jirrizulta li l-kokaina kienet "primarjament ghall-uzu ta' l-imputat, izda dan ammetta wkoll illi kien hemm okkazjonijjiet fejn hu kien jixxerja tali droga ma' ohrajn 'to socialise'." Pero` m'hemm l-ebda indikazzjoni li pprevalixxiet ruhha mill-*proviso* hawn citat ta' l-artikolu 22(9). Kieku ghamlet dan, din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kienet tghid li applikat l-imsemmi *proviso*.

Issa fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, l-imsemmi *proviso* gie spjegat hekk:

**"Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga <u>intiza ghalih</u> jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor <u>f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess</u>. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun <u>tista'</u> (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi <u>kollha</u> tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel**

**darba[4], il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat."**

L-appellant jammetti li kien jabbuza l-kokaina. Jammetti li kien hemm xi okkazjonijiet ("gieli") meta xi hbieb tieghu marru ghandu u uzaw mill-kokaina li kien ikollu u qasmu l-ispejjez. Semma wkoll li anke t-Taljan "gieli ha xi linja minn tieghi fid-dar tieghi stess". M'hemmx dubju li dak kien traffikar izda, kif anke accettat mill-ewwel Qorti, kien jikkostitwixxi *sharing*. Pero` din il-Qorti ma tarax li hemm lok ta' applikazzjoni ta' l-artikolu 22(9) tal-Kap. 101 minhabba il-fattur ripetittiv tax-*sharing*.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li dwarha jghid li ghandu jkun hemm temperament. Issa, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet li jirrigwardaw ir-raza tal-cannabis, fejn hemm l-assorbiment ta' l-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet fit-tieni imputazzjoni, il-piena applikabbli hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87) izda mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87). Bi tnaqqis ta' zewg gradi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ta' prigunerija tinzel ghal perijodu ta' mhux inqas minn xahar izda mhux izjed minn sitt snin. U l-piena ta' prigunerija hi mandatorja. Issa, filwaqt illi minn banda jrid jitqies li l-ammont ta' raza kien pjuttost konsistenti, mill-banda l-ohra hemm certament lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 29 tal-Kap. 101 fl-intier tieghu, cioe` billi l-piena titnaqqas b'zewg gradi. Difatti l-appellant kien strumentali sabiex il-Pulizija taqbad il-persuna li pprovditilha r-raza, xehed kontra taghha u se jerga' jixhed. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ewwel Qorti ma qalitx b'kemm-il grad naqqset il-piena u ghalhekk qieghed jigi hawn stabbilit li din trid titnaqas b'zewg gradi.

---

[4] Ara it-tieni *proviso* tas-subartikolu (9) ta' l-Artikolu 22: "Izda wkoll il-hati jista' jikseb beneficcju ghal darba wahda biss mid-disposizzjonijiet tal-*proviso* li jigi minnufih qabel dan."

Kwantu ghall-kokaina mbaghad, din il-Qorti trid tqis li l-ammont kien zghir, filwaqt li kien hemm xi okkazjonijiet ta' *sharing*. Meta mbaghad jitqies ukoll illi l-appellant ma kellux antecedenti penali li jirrigwardaw ksur tal-ligijiet li jirregolaw l-abbuz tad-droga[5], meta jitqies il-kooperazzjoni shiha ta' l-appellant mal-Pulizija mill-bidu nett ta' l-investigazzjoni,  meta jitqies b'mod partikolari l-bidla li sehhet fih bl-ghajnuna ta' l-istaff tas-Sedqa u ta' l-OASI kif ukoll dik tar-Rev. John Vella, u meta jitqies ukoll illi l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 17(b)[6] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx dubju li l-piena trid necessarjament tonqos.

Fl-ahharnett din il-Qorti tghid ukoll li taqbel mar-rakkomandazzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens pero` li tul il-perijodu ta' prigunerija l-appellant ikun fi programm ta' rijabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal sena prigunerija u minflok tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[5] Mill-kondotta aggornata tieghu jirrizulta biss kaz deciz fil-15 ta' Marzu 1999 li kien jirrigwarda xi kontravvenzjonijiet tat-traffiku li dwarhom inghata *unconditional discharge*, u kaz deciz fit-22 ta' April 2003 li kien jirrigwarda l-ftuh ta' hanut minghajr licenzja u daqq ta' muzika fl-istess hanut minghajr licenzja u bi ksur tal-mistrieh tan-nies u li dejjaq lin-nies bit-thaddim ta' loudspeaker u amplifikatur, u gie kkundannat dwarhom ammenda komplessiva ta' Lm130.

[6] **"persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta` personali, tgi kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien …"**